# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 28 ta' Novembru, 2000.

**Kawza Nru. 3.**
**Citazz. Nru. 1898/00 JRM**

**LADA MOTORS Limited**

**vs**

**Joseph DEGABRIELE u Nathalie Degabriele in solidum.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' elf, tlett mija erbgha u sittin liri maltin u wiehed

u sebghin centezmu (Lm1,364.71), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, kopji ta' liema kambjali jinsabu hawn annessi u markati Dokumenti "1" sa "23";

Illi dawn il-kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu;

Ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija erbgha u sittin liri maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm1,364.71), import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija erbgha u sittin liri maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm1,364.71) import ta' kambjali minnhom accettati u ffirmati, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

*28 ta' Novembru, 2000.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**28 ta' Novembru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Novembru, 2000.**